MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

# DISA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 18

28 ta' Settembru, 2020

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.38 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

## Aġenda Nru. 18

18.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
18.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 16 – 9 u tal-Laqgħa b'urġenza Nru. 17 - 9;
18.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
18.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
18.5 Komunikazzjoni;
18.6 Board ta' Evalwazzjoni – Tender SNTLC 01/2020;
18.7 Milied 2020;
18.8 Ilmenti u Suġġerimenti;
18.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 9/2020;
18.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

# Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 18 .1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

18.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 18.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 16 – 9 u tal-Laqgħa b'urġenza Nru. 17 - 9

18.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa Nru. 16 – 9 u dawk tal-laqgħa b'urġenza Nru 17 – 9 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 18.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

18.3.1 Is-Sindku qal li dwar il-proġett ta' Triq Sannat, dan l-aħħar il-Kuntrattur qala u ħawwel il-palm li kien hemm fis-central strip f'Sannat Junction. Meta dan ġie biex dawn jiġu rilokati kif kien maqbul fil-playing field fuq talba tal-kumpanija Go p.l.c u Melita Ltd., dawn talbu li ż-żewġ palmiet li kien hemm fuq il-bankina n-naħa tal-playing field jinqalgħu u jitħawlu wkoll fil-playing field dan peress li minn ħdejhom eżatt hemm għaddejjin il-cables tagħhom. F'dan l-istadju l-Kunsill għamel dan skond il-kwotazzjoni li kien ġabar. Madanakollu l-Kunsill kellu jieħu ħsieb li jixtri serratizzi twal biex jirfdu dawn is-siġar biex f'każ ta' maltemp dawn is-siġar jiġu salvati u jkomplu jikbru. Il-Kuntrattur għadu għaddej bit-tkomplija ta' dan il-proġett fejn fosthom fil-junction qed jgħaddu il-pajpiet tas-second class water, katusi apposta għas-servizzi tal-Go p.l.c u l-Melita Ltd, kif ukoll katusi għas-servizzi tad-dawl. Hu qal li jibqa ukoll biċċa service culvert biex imbgħad jeħlu l-feeder pillars u wara ikun fadal li jgħaddu s-servizzi dawk għal ġo djar biex b'hekk jiġu elimitati l-wires imdendlin fuq arbli u mall-ħitan li jinsabu f'din it-triq. Is-Sindku qal li jridu jgħaddu wkoll pipe mill-ġibjun tal-iskola għal irrigazzjoni tat-tisqija f'din iż-żona. Hu qal li hu qed jgħamel minn kollox biex din it-triq u l-junction titlesta.

18.3.2 Is-Sindku qal li nhar il-Ġimgħa 18 ta' Settembru 2020 saret laqgħa apposta mall-entitajiet dwar il-proġett ta' riġenerazzjoni ta' Pjazza Santa Margerita, fejn għaliha attendew rappreżenanti mill-Korporazzjoni tal-Ilma, Korporazzjoni EneMalta, Go p.l.c, Melita Limited u Vodafone. Il-Perit tal-proġett ovjament kien preżenti. Il-Perit talabhom biex jimmarkaw din il-pjazza bis-servizzi tagħhom biex il-perit jipprepara dak rikjest u l-Kunsill ikun jista jibgħat id-dokumentazzjoni tiegħu għall-approvazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex biex b'hekk jasal biex jiffirma l-kuntratt. L-entitajiet talbu biex il-kuntrattur li jieħu l-offerta irrd jgħaddi hu s-servizzi lir-residenti mis-service culvert biex b'hekk il-wires jiġu eliminati. Is-Sindku qal li xi individwi għamlulhu proposta biex fil-Pjazza Sta. Margerita ma jsrix parkeġġ ta'vetturi kbar. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta u talbu biex tintbgħat talba lil Transport Malta biex isiru tabelli "Parking with in the lines" u oħrajn for "light vechiles only". Il-Sindku qal li trid issir laqgħa mall-għaqdiet involuti tal-festa biex isir survey ta' x'toqob hemm għall-armar tal-festa u dawk tan-nar tal-art. Il-Kunsill qabel ma dan.

18.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fl-aħħar laqgħat issemma' li Pjazzetta tax-Xelina kellha bżonn li ssir manutensjoni fil-pavimentar tal-mantuċċina. Dan ix-xogħol sar nhar il-Ħamis 24 ta' Settembru 2020. Is-Sindku qal li peress li dan l-aħħar għamlet ix-xita u għamlu ħalbiet sewwa, fuq talba tar-residenti inħass il-ħtieġa li l-kanali tal-ilma f'din il-Pjazzetta li jgħaddu għal Triq Dun Xand Aquilina għal Pjazza Santa Margerita u Triq Sannat jitnaddfu u jiġu miftuħa. Dwar dan il-Kunsillier Bajada qal li se jkun inutli li jsir dan meta dan il-water storm culvert għadu mhux qed jiffunzjona peress li l-ilma ma għandux fejn imur. Is-Sindku qal li l-quddiem trid toħroġ offerta biex kull meta jkun meħtieġ issir iż-żamma tat-tindif ta dawn il-kanali tal-ilma. Dwar dan kien hemm qbil mill-Kunsill.

18.3.4 Is-Sindku qal li l-ħaddiema assenjati mall-Kunsill ġibdu l-attenzjoni li fil-Ġnien tal-Bidwi hemm il-ħtieġa li l-partition ta' fejn hemm l-istore jingħalaq kompletament bl-aluminium. Anke fejn hemm il-main switch tal-pompi hemm bżonn li jitla ħajt tal-ġebel tas-sejjieħ u jsir bieb. Dwar dan il-Kunsill qabel u qal li għandna naraw x'inhu meħtieġ li jsir u jsir.

18.3.5 Is-Sindku qal li l-laqgħa mall-Ministru tat-Turiżmu bl-Aġenda ta' Mġarr ix-Xini Pumping Station u Proġett għal promozzjoni turistika, din il-laqgħa saret ma żewġ uffiċjali mill-Ministeru nhar is-26 ta' Awwissu 2020 permezz tal-microsoft teams. Dawn talbu li jsir feasible study ta dan il-proġett u li se tiġi kkrejata website apposta.

18.3.6 Is-Sindku qal li dwar il-proġett ta' Flash Mob mill-GreenPak b'kollaborazzjoni mall-Kunsill Lokali Ta' Sannat dwar Save Gozo Support Recycling sar nhar il-Ġimgħa 18 ta' Settembru 2020 fi Pjazza Santa Margerita. Is-Sindku qal li f'dan il-Flash Mob ippartecipaw 6 parteċipanti minn Ta' Sannat u ħaddiem assenjat mall-Kunsill.

18.3.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nġabru l-kwotazzjonijiet biex jiġu nstallati street bins ġodda fi Triq 28 ta' April 1688. Il-Kunsill ra dawn il-kwotazzjonijiet u għażel biex jiġu ordnati u jinxtraw.

18.3.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nġabru l-kwotazzjonijiet biex jinxtara laptop ġdid għal front office desk. Il-Kunsill għażel l-irħas offerta.

18.3.9 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien talab il-prezz kurrenti tal-bankijiet bħal dawk li hemm fi Pjazzetta tax-Xelina biex jiġu nstallati tnejn bħalhom fi Sqaq ta' Dun Nastas. Il-Kunsill qabel biex jinxtraw tnejn. Il-Kunsill għadu qed jistenna l-kwotazzjonijiet tal-lampi dekorattivi kemm għal dan l-isqaq kif ukoll għal Triq il-Kalati.

18.3.10 Is-Sindku qal li l-Kunsill bħas-snin preċedenti irċieva mingħand il-Marigold Foundation biex jara jekk hux se jipparteċipa fil-Pink October. Il-Kunsill qabel li se jixgħel il-Kalkara tal-Ġir roża fl-okkazzjoni tal-Pink October matul ix-xahar ta' Ottubru 2020 u b'kulur blu fix-xahar ta' Novembru.

18.3.11 Is-Sindku semma li l-Librara tal-librerija Pubblika talbet li jiżdied xkaffar ġdid għal aktar kotba ġodda fil-librerija. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ser jkellem lill-Malta Libraries għaliex huma għandhom minn jista jaħdem dawn u l-Kunsill jixtri l-materjal biex b'hekk jiġu tal-qies li jingħata. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 18.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

18.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet speċifiċi mill-Kunsillieri.

## 18.5 Komunikazzjoni

18.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-fond tad-Development Planning Fund (Planning Authority) sal-bidu ta’ Lulju fih €44,535.96ċ u €50,000.00ċ għal Sebbaħ il-Lokal. Is-Sindku ssuġġerixxa biex fi Triq il-Kbira fejn hemm il-ġnien tal-Vittmi tal-Gwerra biex b’dawn il-fondi jiġi rranġat dan l-ispazzju jitnaddaf il-ġibjun u toħroġ espressjoni ta’ interess biex isir monument li jfakkar it-traġedja w il-vittmi tal-gwerra li mietu nhar l-10 ta’ Ottubru 1942

18.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
26 ta' Awwissu 2020 – Cir AKL 2020/089 – Entente Florale Europe
27 ta’ Awwissu 2020 – Cir AKL 2020/089 – Entente Florale Europe
03 ta’ Settembru 2020 – Cir AKL 2020/094 – Illum ma Steph – Stedina lill-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali
07 ta’ Settembru 2020 – Cir AKL 2020/095 – Tindif ta’ culverts tal-ilma tax-xita
26 ta’ Awwissu 2020 – Cir AKL 2020/096 – Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 36
28 ta’ Awwissu 2020 – Cir AKL 2020/097 – Ġbir ta’ ħġieġ riċiklabbli
03 ta’ Settembru 2020 – Cir AKL 2020/098 – Equalcity Project – International Organization for Migration in Belgium and Luxembourg
03 ta’ Settembru 2020 – Cir AKL 2020/099 – Cleaner Vehicles LCA Report
04 ta’ Settembru 2020 – Cir AKL 2020/100 – Ġbir ta’ Ħġieġ – Skemi
09 ta’ Settembru 2020 – Cir AKL 2020/101 – Ġbir ta’ informazzjoni fuq latrini pubbliċi fil-lokalita’
09 ta’ Settembru 2020 – Cir AKL 2020/102 – Kollezzjoni żejda ta’ ġbir ta’ ħġieġ 03/09/2020 – 06/09/2020
17 ta’ Settembru 2020 – Cir AKL 2020/103 – Organic Waste Collection Invoice Status for 2020
22 ta’ Settembru 2020 – Cir AKL 2020/104 – Siti ta’ devoluzzjoni għand il-Kunsilli Lokali
22 ta’ Settembru 2020 – Cir AKL 2020/105 – Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ
22 ta’ Settembru 2020 – Cir AKL 2020/106 – Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 37
22 ta’ Settembru 2020 – Cir AKL 2020/107 – Permanent Measure Competition – De Minimis Form
22 ta’ Settembru 2020 – Cir AKL 2020/108 – Il-Festa bħala Wirt Intangibli Dinji
22 ta’ Settembru 2020 – Cir AKL 2020/109 – Dati ta’ għeluq snin Sindki, Kunsilliera, SE u ħaddiema
24 ta’ Settembru 2020 – Cir AKL 2020/103 – Organic Waste Collection Invoices Status for 2020

18.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkulari u Direttivi mibgħuta mid-DLG u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
Ċirkulari 7/2020 Permessi maħruġa mill-Kunsilli Lokali skont L.S. 441.04
Ċirkulari SPI/SCI/3/2020 Finanzjament ta’ Proġetti Kapitali – Aċċessibilta’ u Mobilita’
Dwar Ċirkulari SPI/SCI/3/2020 Finanzjament ta’ Proġetti Kapitali – Aċċessibilta’ u Mobilita’, il-Kunsill ddiskuta u qabel li l-Kunsill għandu japplika biex fuq talba ta diversi residenti tinxtara van elettronika, aċċessibli għall-anzjani u persuni bi bżonnijiet speċjali biex din tkun tista tgħati servizz liċ-cittadin.

Direttiva 06/2020 Spejjeż tat-Tribunali Lokali

18.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mir-Reġjun Għawdex u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
26 ta’ Awwissu 2020 – Meeting mal-Enforcement Board – Compliance & Regulatory Directorate tal-Malta Tourism Authority

28 ta’ Awwissu 2020 – Laqgħa Reġjun Għawdex Nru 96 nhar il-Ħamis 3 ta’ Settembru 2020 fis-6.00 p.m.
1 ta’ Settembru 2020 – Gentle Reminder – Re Laqgħa Reġjun Għawdex Nru 96 nhar il-Ħamis 3 ta’ Settembru 2020 fis-6.00 p.m.
1 ta’ Settembru 2020 – Rapport bir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet ta’ Għawdex
3 ta’ Settembru 2020 – Gentle Reminder – Re Meeting mal-Enforcement Board – Compliance & Regulatory Directorate tal-Malta Tourisim Authority
3 ta’ Settembru 2020 – Risposta għall-Ittra tar-Reġjun Għawdex mibgħuta lill-Prim Ministru b’rabta mar-Reġistrazzjoni ta’ Artijiet ġodda
11 ta’ Settembru 2020 – Taħriġ b’rabta mal-Proġett – Provvediment ta’ Żvilupp u Implimentazzjoni ta’ Strateġiji Kulturali għall-Kunsilli Lokali u Kunsilli Reġjonali
16 ta’ Settembru 2020 – Lamp post turned in Marziena Street
18 ta’ Settembru 2020 – Preparation of Master Plans and Technical Guidelines for Selected Valley Catchments in the Maltese Islands – INVITATION TO PUBLIC EVENTS
18 ta’ Settembru 2020 – Korsijiet akreditati fuq Livell minn MQF 4 sa MQF 7
18 ta’ Settembru 2020 – Għażla ta’ Kotba – Proġett Librerija fil-Lokalita’
21 ta’ Settembru 2020 – Reviżjoni tal-Kapitlu 409 – ATT DWAR SERVIZZI TAL-IVVJAĠĠAR U TAT-TURIŻMU GĦAL MALTA
22 ta’ Settembru 2020 – Laqgħa Reġjun Għawdex Nru 97 nhar it-Tnejn, 5 ta’ Ottubru 2020 fil-5.30 p.m.

18.4.6 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mill-Planning Authority dwar applikazzjonijiet u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:

2 ta’ Settembru 2020 – PA/07919/19 – GTD – To construct ground floor garage with overlying 2 storey house – Ms Marija Cutajar – Site at, Triq il-Blat, Ta’ Sannat
2 ta’ Settembru 2020 – PA/04311/20 – GTD – To effect minor alterations to permission PA/07103/19 which involves the use of third party ramp in proposal and effect changes to the basement and ground floor level to accommodate the same ramp – Mr Manuel Farrugia, Temple Court, Triq it-Tempju tal-Imramma, Ta’ Sanant
16 ta’ Settemru 2020 – PC0050/20 – Minor amendment to street alignment – Mr Mark Agius obo Exel Investment Ltd – Site at, Triq Dun Luqa, Sannat – Gozo. Dwar din l-imejl is-Sindku qal li hu permezz tal-Perit talab laqgħa dwar dan l-alignment.
16 ta’ Settembru 2020 – PA/05824/19 – GTD – To re position swimming pool covered by Permit PA 729/02 and to construct an additonal bedroom – Mr Pierre Mercieca, Villa Kantra, l/o Il-Kantra ta’ Mgarr ix-Xini, Ta’ Ċenċ, Ta’ Sannat
16 ta’ Settembru 2020 – PA/02724/20 – GTD – Partial demolish of existing dwelling, construction of a new dwelling, jacuzzi and Class 1D office and sanctioning of reservoirs and pool – Ms Margaret Curmi, Sogno, Triq l-Għoxrin ta’ Lulju, Sannat
16 ta’ Settembru 2020 – PA/02741/20 – GTD – Proposed domestic store at basement level in development approved in PA 3346/19 – Ms Sylvia Grima, 23A, Pjazza Santa Margerita, Ta’ Sannat

18.4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li minn din is-sena se jibqagħlu 60 siegħa vacation leave u qed jitlob li dawn jiġu akkumulati għas-sena 2021, b’hekk ikun jista jinforma lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali b’dan. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal din it-talba.

18.4.8 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill li bil-liġi l-Kunsill hu obligat li sa Ottubru ta’ kull sena jsejjaħ laqgħa pubblika qabel il-budget għas-sena li jkun imiss. Din is-sena fi żmien ta din il-pandemija l-Kunsill iddeċieda li miħabba dawn iċ-ċirkustanzi tal-pandemija tal-Covid-19 din ma ssirx.

18.4.9 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni lill-Kunsill li l-kaxxa tat-taraġ u f'xi partijiet tal-bini tal-uffiċċju tal-Kunsill għandhom bżonn dawra bit-tikħil u żebgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għamel minn kollox biex isib kaħħal biex ikun jista jsir dan ix-xogħol. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol importati ta' manutensjoni jsir.

## 18.6 Board ta' Evalwazzjoni – Tender SNTLC 01/2020

18.6.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kuntratt ta' Miżura 4.4 għar-restawr ta' ħitan tas-sejjieħ fi triq tal-egħlieqi u li tgħati għall-Mġarr ix-Xini u tiġi paralleli ma' Triq Mġarr ix-Xini u Triq Saguna kien ġie ffirmat u għalħekk kif kien maqbul mill-Kunsill fil-laqgħat preċedenti l-Kunsill pprepara d-dokument u ppublika l-avviż għas-sejħa tal-offerti. In-Numru tar-Referenza hu SNTLC 01/2020 – Xogħolijiet ta' restawr ta' ħitan tas-sejjieħ f' Ta' Sannat, Għawdex u li din is-sejħa għall-offerti tagħlaq nhar it-Tlieta 6 ta' Otturbru 2020 fid-9.30 a.m. Għalhekk il-Kunsill irid jaħtar board biex jevalwa u jaġġudika l-offerti. Il-Kunsill ħatar lis-Sindku bħala Chairperson, lil Avukat Dr. Larry Formosa, lil Perit Gordon Vella, lil Accountant Pauliana Said u lis-Segretarju Eżekuttiv bħala s-Segretarju tal-Board. Dan il-board għandu jiltaqa dakinhar tal-egħluq tal-offerta fis-1.30 p.m.

## 18.7 Milied 2020

18.7.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għal din is-sena fi żmien il-Milied, is-Sindki fi ħdan ir-Reġjun Għawdex ser jitolbu l-għajnuna lill-Ministeru għal Għawdex biex jekk hu possibli jiżżejnu it-toroq fil-lokalitajiet biex ikun hawn aktar atmosfera ferriħija f'dan iż-żmien ta' pandemija. Il-Kunsill għandu joħloq l-atmosfera billi jżejjen Triq Sannat u l-Pjazza Santa Margerita bħal ma għamel fi snin preċedenti.

## 18.8 Ilmenti u Suġġerimenti

18.8.1 Is-Sindku qal li familja li għandhom binja u ġejja toqgħod fil-bidu ta' Triq 28 ta' April 1688 u li quddiem l-entratura għandhom il-ġarage hemm parking bay, qed jitlobu biex dan jitneħħa biex ikun aċċessibli biex mill-garaxx ikunu jistgħu jidħlu u joħorġu faċilment u li tiġi rranġata l-bankina biex tkun aċċessibli għal vetturi. Il-Kunsill qabel ma dan u għandha tinforma lill-Transport Malta biex dan il-parking bay jitneħħa u jinforma lill-MGOZ bis-sistema biex il-bankina tiġi rranġata.

18.8.2 B' referenza għall-ilment numru 16/2020 mingħand residenti ta' blokka flats fi Triq Ta' Ċenċ fejn talbu li ssir bankina ġdida ma' din il-binja. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dwar dan l-ilment saret talba lill-MGOZ bis-sistema tal-Works Request System.

18.8.3 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team – MGOZ* rigward rimi ta' skart illegali fl-area Ta' Ċenċ ftit minuti l-bogħod mis-sit storiku tat-Termpju ta' Borg l-Imramma. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li dik l-area Ta' Ċenċ hija proprejta privata u din hija tas-sidien tal-Hotel Ta' Ċenċ. Is-Segretarju informahom ukoll li hu kien kellem lis-sidien ta' din l-lukanda diversi drabi rigward dan peress li l-Kunsill kien qed jirċievi diversi ilmenti sa anke mingħand turisti.

18.8.4 B’ referenza għall-ilment numru 17/2020, resident talab li jinbena ħajt imwaqqa tal-għalqa tiegħu fi Triq Bardan. Dan il-ħajt għandu jinbena mill-Kuntrattur li ħa l-offerta tar-restawr tal-ħitan tas-sejjieħ minn Miżura 4.4, b’fondi ewropej peress li qed skedat f’din it-talba.

18.8.5 Resident bagħat imejl bir-ritratti rigward l-istat ħażina li tħalliet fiha Triq Saguna kantuniera ma Triq Bebunaq. Barra dan, dan ir-resident ilmenta ukoll fuq ħmieġ li qed ikun hemm f’din il-parti ta triq. Is-Segretarju nforma lir-resident li dwar din il-kantuniera għandha ssir bit-tarmak mill-MGOZ.

18.8.6 Il-Kunsill Lokali rċieva imjel b’ilment rigward problema ta’ garage fi Triq Skerla li ma għandux aċċess biex jkun jista’ jidħol u joħroġ minn ġo fih b’vettura peress li din il-parti tat-triq għadha ma sartix u ġiet ffurmata wara li nbniet din il-blokka ta’ appartamenti ta din il-binja. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dwar dan l-ilment kienet saret kemm il-darba talba kemm bis-sistema u anke kienu intbgħatu imejls lill-MGOZ. Il-Kunsill qabel li għandha terġa tintbgħat imejl lill-MGOZ fuq din it-triq u fuq Triq Saguna kantuniera ma Triq Ta’ Bebunaq.

18.8.7 Il-Kunsill irċieva imjel b’ilment mingħand residenta li toqogħod fi Triq il-Kbira. Din ir-residenta qed tilmenta li fuq wara tal-appartament tagħha hemm appartament mitluq li fih qed jabitaw ħamiem abbandunat. Dan qed iħammeġ u jista’ jwassal għall-mard fuq individwi. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu nforma b’dan lill-Pulizija u l-Pulizija ħadet l-azzjoni rikjesta. Il-Kunsill għandhu jinforma wkoll lid-Dipartiment tas-Sanita.

18.8.8 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li meta sar ir-Risk Assesment tal-Playing Field mill-Inġinier, ġie innotat l-istat ħażin li jinsabu fih is-seats tal-bandli. Il-Kunsill qabel li dawn jinbidlu.

18.8.9 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand sid ta’ farmhouse fejn dan qal li permezz tal imejl oħra talab lil Malta Tourism Authority li fi Triq Xabbata, Triq it-Tempju tal-Imramma u Triq Paranji jiżdiedu maż-żona turistika għas-sena 2021 dan peress li fil-madwar hemm xogħolijiet ta’ kostruzzjoni u dan qed iwasslu għall-ilmenti mill-klijenti. Il-Kunsill ma jistax jifhem kif Ta’ Sannat mhux bħala designated tourist area. Il-Kunsill qabel biex jikteb dwar dan lil Malta Tourism Authority.

18.8.10 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand residenta rigward karozza abbandunata fi Triq il-Kbira. Dwar dan il-Kunsill kien għamel rapport l-għassa u hi qalet li dawn poġġew nota fuq l-karozza u hija valida għall-tmien ġurnata. Hija staqsiet x’inhu l-pass li jmiss jekk jgħaddu dawn l-jiem u din l-karozza tibqa hemm. Is-Sindku qal li jekk din tibqa hemm jieħu parir legali mingħand Avukat dwar dan.

18.8.11 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-Intevention Team – MGOZ rigward ħajt imwaqqa fi Triq tal-Gruwa. Dan il-ħajt imwaqqa għandu jiġi rrapurtat bis-sistema lill-MGOZ.

18.8.12 Il-Kunsill irċieva imjel mingħand l-Intervention Team – MGOZ rigward culvert imkisser fi Triq ix-Xewkija. Dwar dan l-imejl il-Kunsill diġa ħa azzjoni u dan ġie rranġat.

18.8.13 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand surġent tal-pulizija b’ċertifikat tal-perit, rigward ħajt perikoluż li dan l-aħħar bix-xita waqa’ fuq karozza. Fuq parir tal-pulizija, lis-Segretarju Eżekuttiv dan issugerixxa li jsiru double yellow lines temporanji biex jiġi projbit parkeġġ sakemm is-sidien ta’ din l-għalqa jibnu dan il-ħajt kif suppost. Il-Kunsill ddeċieda li għalissa jitwaħħal white and red tape u no parking signs biex dak li jkun joqgħod attent fejn jipparkja.

18.8.14 Il-Kunsill irċieva imjel b’ilment mingħand residenta li toqgħod fi Triq il-Kbira fejn din spjegat l-problema biex toħroġ min darha meta tagħmel ix-xita. Din issuġeriet li jitħaffru kanali jew tiġi rranġata it-triq b’mod li l-ilma li jinżel jaqleb lejn in-nofs tat-triq u mhux kollu lejn naħa waħda.

Is-Sindku qal li hu diġa tkellem ma sid ta din id-dar, hu qal li spjegala biex meta ssir din it-triq isru water culverts kif saru dan l-aħħar.

18.8.15 Il-Kunsill reġa irċieva ilment mingħand is-superjur tal-MUSEUM fejn reġa ressaq it-talba biex ikun hemm iżjed dawl fit-triq quddiem il-M.U.S.E.U.M. Il-Kunsill qabel li dan jeħel flood light.

18.8.16 Il-Kunsill irċieva imjel mingħand l-kuntrattur tal-KIP Ltd. fejn dan qal li qed jiġi nnotat li qed ikun hemm ħafna kaxxi tal-kartun. Huwa fakkar li l-obbligu tagħhom huwa li jiġbru l-borża tar-riċiklaġġ u mhux kartun u plastic separat allura huwa importanti li lir-residenti jitnu l-kaxxi tagħhom u jpoġġuhom fil-boroż rispettivi inkella mhumiex ser jinġabru. Il-Kunsill għandu javża b'dan lir-residenti u jitkellem mall-kuntrattur x'inhi l-problema eżatta.

18.8.17 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand resident rigward ħajt tas-sejjiegħ li waqgħa bl-għargħar tax-xita fi sqaq fi Triq Tal-Gruwa. Dwar dan is-Sindku qal li se jinforma lis-sid.

18.8.18 B'referenza għall-ilment numru 18/2020, fejn residenta talbet li jsiru żewġ xtieli fi qsari li hemm diġa fuq bankina wiesa' quddiem id-dar tagħha fi Triq Xabbata. Il-Kunsill qabel li jħawwel 2 qsari.

18.8.19 Il-Kunsill irċieva ilment rigward tal-għeluq ta' parti mil-pjazza Santa Margerita li bejn il-Ħadd 20 u t-Tnejn 21 ta' Settembru 2020 il-barriers tħallew fin-nofs tat-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dwar dan iġibdet l-attenzjoni lis-sidien tal-istabilimenti.

18.8.20 Il-Kunsill irċieva imjel mingħand residenta minn Triq l-20 ta' Lulju fejn qed tilmenta fuq ilment li diġa għamlet rigward l-bankina quddiem Panorama Court. Il-Kunsill għandu jkellem lill-Perit. Jekk se tinqala din il-bankina għandha ssir talba bis-sistema tal-MGOZ.

18.8.21 Resident bgħat imejl fejn qed jilmenta li fi Triq tal-Gruwa waqa' ħajt tas-sejjieħ u li qed jimblokka t-triq. Dan hu l-istess ilment ta 18.8.18

18.8.22 Residenta bgħatet imejl fejn qed tilmenta li fi Triq Saguna qed ikun hemm iż-żibel fit-triq u qed ikun ta' inkonvenjent għal residenti oħra. Is-Sindku qal u l-Kunsill qabel li din il-problema hi ta min qed jgħix hemm dan għaliex mhux qed jikkopera ma mall-ġurnata li qed jinġabar l-iskart domestiku.

18.8.23 Is-Sindku qal li resident talab biex tiġi rranġata bankina fi Triq Saguna u li hi ta' periklu speċalment fix-xita. Il-Kunsill għandu jitlob bis-sistema tal-MGOZ.

18.8.24 B'referenza għall-ilment numru 19/20, resident qed jilmenta li fi Triq l-10 ta' Ottubru 1942 f'kantuniera minnhom qed jintefa l-boroż taż-żibel b'konsegwenza li qed ikun ta' dettriment għar-residenti. Il-Kunsill għandhu jwaħħal CCTV cameras bejn Triq l-10 ta' Ottubru u Triq Gerxija.

18.8.25 Ħaddiem assenjat mall-Kunsill nforma lis-Segretarju Eżekuttiv li mera fi Triq Xabbata faċċata ta' Triq Marsilja tkissret bil-maltempata tal-bieraħ. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din ġiet ordnata minnufih peress li hi ta' għajnuna kbira għas-sewwieqa.

## 18.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 9/2020

18.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 9/2020 li kienet intbgħatet permezz ta imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Hu qal li f'din l-iskeda ma tantx hemm

paġamenti peress li ssa l-Kunsill applika mall-Bank of Valletta biex il-Kunsill jibda jħallas bl-użu tal-internet banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-Viċi Sindku u ssekondata mill-Kunsillier Joseph Bajada. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 18.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

18.10.1 Il-laqgħa ntemmet fl-4.00 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 26 ta' Ottubru 2020, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 26 ta' Ottubru, 2020

| | |
|---|---|
| (iffirmata) | (Iffirmata) |
| Frances Galea<br>Viċi Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |